**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

**28 ta' Ottubru, 2020**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**Ronald Portelli - Kunsillier**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 17.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**17.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal- Kunsillier Ronald Portelli li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' mard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandiex isir nuqqas fl-*allowance*.**

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**17.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni u ntalbet biex issir korrezzjoni f'punt 15.8.1 u 15.11.1 u jiġu miktubin kif ġejjien:**

**15.8.1 - Is- Sindku infurma lill-Kunsill li hemm applikazzjoni l-Awtorita' tal-Ipjanar, fejn se jsir "mooring and shelter" u se jibda jinghata servizz ta' trasport bil-bahar lill-publiku. Is-Sindku qal li hekk se jitkellem bħala resident huwa ma jaqbilx minħabba li dan il-proġett se jkun eżatt faċċata tar-residenza tiegħu. Iżda peress li huwa għandu rwol ta' Sindku qal li jaqbel minhabba li se jibda jkun hemm access ghal Belt Valletta u jemmen li dan is-servizz huwa komdu ghar-residenti ta' Ta' Xbiex.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti xtaqet iktar informazjoni rigward ir-rottot biex tkun tista tiddeciedi hekk ghandniex noggezzjonaw jew le.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li huwa ma jaqbilx ma dan is-servizz tat-trasport tal-bahar minhabba li dan se jibda jmur f'postijiet differenti, b'hekk se jkun hawn hafna nies li jaqbdu dan it-trasport mil-lokalita' taghna u jibdew jiehdu l-parking tar-residenti.**

**Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hija ccekjat rigward ir-rottot izda giet infurmata li l-bidders li jitfghu t-tender se jkunu qed jissuggerrixxu r-rottot. Ghaldaqstant m'ghandiex bizejjed informazzjoni rigward ir-rottot.**

**15.11.1 - Il-Kunsillier Eugenio Muscat ssuggerixxa li hekk is-sena diehla ikun ghad hemm direttiva minn naha tal-Ministeru tas-Sahha li ma nistghux naghmlu attivitajiet kbar, Jum Ta' Xbiex ghandna xorta ghandha ssir b'certu ghaqal u hsieb.**

**17.2.1 Fil-minuti tas-seduta 16 li saret fis- 7 t' Ottubru 2020 ma kienx hemm korrezzjoni.**

## 17.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**17.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Oriana Calleja ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.**

**Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

## 17.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**17.4.1 Is-Sindku qal li l-progetti li għamilna mil-fondi tal-UIF mitluba biex naghmlu plakka fejn ikun hemm miktub fuqa li dan il-progett gie iffinanzjat mil-Awtorita tal-Ippjanar. Huwa qal li tlabna templates tal-wording li rridu niktbu u ssuġġerrixxa li nżiedu s-sena ta' meta sar il-proġett u jitniżel ismu fuq il-plakka.**

**Il-Kunsill qabel.**

**17.4.2 Is-Sindku xtaq jiġbed l-attenzjoni li Triq ix-Xatt huwa mitfi kollu. Huwa spjega li din qed tiġri kull darba li ssir maltempata. Huwa qal li kemm il-darba rraportajna dawn il-ħsarat lill-Public works jiġu jirranġawh u wara l-ewwel maltempata ix-xatt jerġa jispiċċa bla dawl.**

**Il-Kunsill deċċieda li għandna nġibu kwotazzjonijiet u proponimenti ta' sistema ġdida li trid ssir biex nsolvu din il-problema darba għal dejjem.**

**17.4.3 Is-Sindku uriena xi ritratti li baghtlu s-Sur Meilaq li huwa l-Manager tar-restaurant The Galley li jinsab fi Triq ix-Xatt. Is-Sur Meilaq xtaq jagħmel "commercial pylon" bl-isem tal-ħanut fil-kantuniera tal-bankina.**

**Il-kunsill oġġezzjona unanimament.**

**17.4 Is-Sindku qal li tlabna kwotazzjoni ta' kemm tiġina s-sistema tal-irrigazzjoni tal-biċċa soft area li hemm wara il-bankina u l-funtana. L-irhas kwotazzjoni hija ta' €3245.**

**Il-Kunsill qabel unanimament biex nagħmlu dan il-proġett.**

## 17.5 Twegibiet ghal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

**17.5.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa hekk inħarġux xi skemi fuq tisbieħ tal-lokalita'.**

**Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li għandha tiċċekja imma probabilment huma l-fondi tal-UIF li aħna diġa nibbenefikaw minnhom.**

## 17.6 Community Worker Scheme Performance Bonus;

**17.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Cutajar tal-Community Worker Scheme saqsiena kemm se nagħtu performance bonus lill-haddiema tal-iskema taghhom.**

**Il-Kunsill qabel unanimament li l-haddiema kollha igifieri Jeffrey Bezzina, Jurgen Schembri u Christopher Cauchi ghandhom jithalsu in full igifieri 6% tas-selarju taghhom tas-sena.**

## 17.7 Decorative Lights;

**17.7.1 Is-Sindku qal li sikwiet qed nirċievu ħafna ilmenti fi Triq Emanuel Galizia rigward ħmieġ, ħruġ ta' skart mhux skond l-iskeda u li l-area hija mudlama. Is-Sindku qal li dik l-area hija naqa mitluqa u jahseb li biex xieraq li nippruvaw nsebhuha. Ghaldaqstant propona li naghmlu decorative lights kif ukoll indendlu xi pots ikkuluriti taht it-twieqi u nhawwlu xi pjanti fihom. Jemmen li hekk ndawwlu din l-area ikun hemm inqas abbuz.**

**Il-Kunsill qabel.**

## 17.8

## Skemi

**15.8.1**

**Mozzjoni 05/2020 – Finanzjament għall-kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fic-Centru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat propona li jinżebħu l-pots ta' Triq ix-Xatt, Triq ir-Rampa u Tarag ta' Ta' Xbiex, nbiddlu l-pjanti li hemm mejtin u nziedu pjanti fejn hemm spazju vojt. Ippropona ukoll li fuq il-ballavostri ta' Triq ir-rampa jizdied id-dawl. Is-Sindku Max Zammit issekondah.**

**15.8.2**

**Mozzjoni 06/2020 – Finanzjament għall-kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fic-Centru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex**

**Is- Sindku ppropna li nsebbhu il-Belvedere, fejn kien sar il-progett tal-flood relief. Huwa issuggerrixxa li jsir tibdil tal-madum kif ukoll nagħmlu l-upper rises tat-taraġ biċ-ċeramika u jsir manutenzjoni tal-banek li hemm fuq il-Belvedere. Nemmnu li b'dan il-proġett se jkun hemm domanda kbira biex jagħmlu xi tip ta' eżerċizzju, se jiġbed l-għajn tal-artisti biex jpenġu xi pittura tal-veduta minn fuq il-Belvedere. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekondah.**

**15.8.3 Mozzjoni 06/2020 – Finanzjament għall-kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fic-Centru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex**

**Is-Sindku qed jipproponi li tinbidel is-sistema tad-dawl, peress li għandna l-bozzoz taħt l-art u hemm ħafna umdita'. Ghaldaqstant qed jipproponi biex jinbidel il-wiring u forsi minflok nhalluwhom kollha taħt il-bankina nagħmlu minnhom fuq arbli baxxi. Hekk dan il-progett jsir, se jintlaqa tajjeb ħafna minn kull min jgħaddi mil-post msemmi minħabba li rċevejna ħafna ilmenti fuq id-dawl dawn l-aħħar ftit xhur. Il-Kunsillier Eugenio Muscat ssekondah.**

## 17.9 Accumulation Leave tal-istaff tal-Kunsill;

**17.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sindku u lill-kunsilliera li s-Sa Anna Micallef u s-Sur Aris John Fenech jixtiequ jgeddu 40 siegħa vacation leave minn ta' din is-sena għas-sena diehla.**

**Il-kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.**

## 17.10 Active Ageing;

**17.10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li hemm opportunita' fejn niffirmaw kuntratt ta' sentejn mad-Dipartiment tal-anzjani biex jibdew issiru xi laqghat u attivitajiet gewwa il-kunsill stess. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li biex dan isehh se jkollha bzonn l-ghajnuna tal-Kunsilliera.**

**Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti u Eugenio Muscat qallu li l-ahjar nergu niddiskutu dan is-suggett wara li jonqsu l-kazijiet tal-Covid-19 u jkun safe li jiltaqaw gruppi.**

**Il-Vici Sindku qalet li ghalkemm dan huwa dikasteru taghha bhalissa m'ghandiex cans li tiehu hsieb minħabba li ghaddejha bl-istudju taghha.**

**Ghaldaqstant il-Kunsill ddecieda li ghalissa ma napplikawx ghalih umbad hekk l-quddiem ikolna l-istess opportunita' nergu nikkunsidraw.**

## 17.11 Online Permits;

**17.11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li hafna kunsilli qed jaqilbu ghal-sistema online fejn wiehed ikun jista japplika ghal-permess mil-kumdita ta' daru stess. Hija spjegat li tajjeb li tigi ikkunsidrata minhabba li hekk ikollna kaz ta' staff li jaqbdu l-coronavirus u tohrog direttiva li jinghalaq il-kunsill, xorta wahda nkunu nistghu mmexxu customer care mid-dar.**

**Is-Sindku qal li huwa jaqbel izda jemmen li fil-vicin l-AKL tiehu l-inizjattiva biex il-Kunsilli Lokali jkollhom l-istess sistema.**

## 17.12 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**17.12.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat ssuggerixxa li għandna ndawlu t-taraġ il-kbir ta' Ta' Xbiex li jagħti għax-xatt.**

**Il-Kunsill qabel unanimament.**

## 17.13 Rapporti mill-Kunsilliera;

**17.13.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti irrapurtat li l-haddiema li jigbru l-iskart qed ikunu bla maskra.**

**Is-Segretarju Ezekuttiv hadet nota biex tinforma l-kuntrattur.**

**17.13.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti rraportat li hemm il-bring in site tal-hgieg fi Triq ir-Rampa mimlija.**

**Is-Segretarju Ezekuttiv infurmata li kienet diga rraportata filghodu.**

## 17.4 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

**Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum il-Ġimgħa 11 ta' Dicembru, 2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| __________________ | ____________________ |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |